**6 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Illustrissmu u Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et.

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et. ne.

**Rekwiżizzjoni — Danni — Negliġenza Kontributorja — Mandat — Każ Fortuwitu — Art. 1094 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili — Notifikazzjoni tal-Gvern 285 tal-1940.**

*Fin-nuqqas ta' provi, jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistgħax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż.*

*Il-liġi tipprospetta, f'materja ta' danni, il-każ ta' negliġenza kontributorja da parti tad-danneġġjat, u tirrendi responsabbli ta' din in-negliġenza lil kull min, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb, ikun ikkontribwixxa jew ta okkażjoni għall-ħsara; jiġ fieri illi huwa jrid ikun ikkommetta ħtija fis-sens illi jrid ikun għamel xi ħaġa jew naqas li jagħmel xi ħaġa, li biha fikser xi dmir impost mill-liġi; fi kliem ieħor, id-danneġġjat 'rid ikun ikkommetta vjolazzjoni ta' dover. Sempliċi ommissjoni jew inazzjoni ma tistgħax tikkostitwixxi delitt jew kważi-delitt, meta l-persuna li lilha jiġi mputat li nkorriet f'dik l-omissjoni jew inazzjoni ma kienetx legalment tenuta taġixxi.*

*Jekk il-Gvern jirrekwiżizzjona fond, u l-oġġetti li jkunu f'dak il-post joħodhom taħt il-kustodja tiegħu, huwa tenut li jroddhom lill-proprjetarju; u din l-obligazzjoni ġġib magħha d-dmir tal-konservazzjoni tal-oġġetti sal-kunsinna tagħhom; u għalhekk huwa responsabbli għall-ħsara li tiġri f'dawk l-oġġetti qabel ma jiġu hekk restitwiti lill-sidhom. U ma jistgħax il-Gvern jippretendi li jeħles m'nn din ir-responsabbiltà billi jallega illi l-liġi tiddisponi illi, meta persuna ma tobdix ordni ta' rekwiżizzjoni, l-awtorità rekwiżizzjonanti tista' tagħti l-ordnijiet li jidhrilha biex l-oġġetti li jkunu fil-fond rekwiżizzjonat jiġu mneħħija minn dak il-fond u mqegħda f'post ieħor, u li mbgħad dawk l-oġġetti jkunu għar-riskju ta' sidhom. Għax dak ir-regolament għandu jiġi nterpretat fis-sens illi r-r'sk-*

*ju fih kontemplat huwa dak li jiġi minn kaž fortuwitu, u illi l-ħsara tiġri fl-oġġetti bħala effett tal-kaž fortuwitu, u mhux ukoll bħala effett tan-nuqqas ta' kura ta' dawk l-oġġetti da parti tal-Gvern. B'mod li, b'dak ir-regolament b'kollox, il-Gvern jibqa' responsabbli tal-ħsara li tiġri f'dawk l-oġġetti, jekk dik il-ħsara ġrat għax il-Gvern ma jkunx ħa l-kura meħtieġa biex l-istess ħsara ma tiġrix.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi, meta ġie rekwiżizzjonat il-post nru. 10 Magazines Street, Mdina, ġew imneħħija minn hemm, mingħajr ebda avviż lill-proprjetarji, żewġ kalessi ta' proprjetà talinstanti, u ġew imqegħdin fid-De Redin Tunnel, fejn ġratilhom ħsara konsiderevoli minħabba l-umdità kbira u mankanza ta' kura; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talab li jiġi likwidat il-valur tad-danni kaġunati lill-istess kalessi, u li jiġu l-konvenuti kundannati jħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata; bl-imgħaxijiet legali. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 1953;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-periti ġudizzjarji, fl-imsemmija relazzjoni tagħhom, ġew għall-konklużjoni (1) illi ż-żewġ kalessi in kwistjoni fihom ħafna ħsara; (2) illi din il-ħsara saret wara u bħala konsegwenza tat-trasport tal-kalessi mill-maħżen nru. 10 Magazines Street, Notabile, għad-De Redin Tunnel; (3) illi l-konvenuti nomine għandhom jiġu ritenuti responsabbli għal dik il-ħsara; (4) illi ma kienx hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attur; (5) illi l-valur tal-imsemmijin danni huwa likwidat fis-somma ta' £150, li għandha tiġi mħallsa mill-konvenuti nomine lill-aventi kawża tal-attur;

Illi l-konvenuti fl-atteġġjament tagħhom fil-kawża baqgħu jinsistu fuq id-diversi eċċezzjonijiet minnhom sollevati; anzi fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom fol. 58 huma janqlu eċċezzjoni ġdida; u għalhekk xieraq li dawn l-eċċezzjonijiet jiġu eżaminati separatament;

Illi, fl-ewwel lok, il-konvenuti eċċepew li l-kalessi in kwistjoni kienu fil-kustodja u taħt il-kura tal-attur jew ta' rappreżentant tiegħu, u għalhekk il-ħsara li ġratilhom għandu jibatiha huwa; iżda l-Qorti ma taqbelx mal-konvenuti; mhux biss għar-raġunijiet miġjuba mill-periti fir-relazzjoni tagħhom fol. 49, iżda anki għaliex ebda prova ma saret illi n-Nobbli Alexander Apap Bologna, li f'idejh kienet waħda miċ-ċwievet tad-De Redin Tunnel, kien il-mandatarju tal-attur; u fin-nuqqas ta' provi, jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistgħax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (Troplong, Mandato, no. 50). Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni mhix aċċettabbli;

Illi lanqas tista' tkun milqugħa t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, jiġifieri illi l-likwidazzjoni tal-ħsara ma tistgħax issir mingħajr ma l-attur jipprova l-kondizzjoni tal-kalessi meta tneħħew mill-Gvern mill-post rekwiżizzjonat (fol. 37); il-kalessi, a paragun tal-età tagħhom, sakemm baqgħu fil-fond tal-attur kienu konservati fi stat tajjeb, mentri, meta sar l-ispezzjon tagħhom qabel ma ġew restitwiti lill-attur, kienu fi stat pessimu minħabba l-umdità u l-ilma li ppenetraw fihom fid-De Redin Tunnel. Għalhekk il-Gvern kien fid-dmir li jipprova l-kuntrarju; iżda dan ma setgħax jagħmlu, anki għaliex huwa ma ħax ħsieb, kif kien imissu, li jżomm "record" tal-istat tagħhom meta ċaqlaqhom mill-post (ara ittra tal-Housing Commissioner fol. 7);

Illi fit-tielet lok il-konvenuti, in subordine, eċċepew fl-attur negliġenza kontributorja. Din il-figura ġuridika, bażata fuq l-aforisma "qui culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire", tinsab preveduta fl-art. 1094 (Kod. Ċiv.), fejn hija prospettata l-ipotesi li d-danneġġjat, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb, ikun ikkontribwixxa jew ta okkażjoni għall-ħsara; jiġifieri huwa jrid ikun ikkommetta ħtija ("culpa") fis-sens tal-art. 1075 tal-istess Kodiċi, u fis-sens li jrid ikun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi (art. 1076 Kod. Ċiv.); fi kliem ieħor, id-danneġġjat irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover. Fil-każ taħt eżami, il-konvenuti jimputaw lill-attur li huwa naqas li jieħu kura tal-kalessi, jiġifieri vera u proprja ommissjoni. Issa, kif jinnota Giorgi, "quando si parla di colpa per

omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit'" (Obbligazioni, Vol. V, § 151). U jkompli jgħid Marcadè:— "Il fatto negativo può solo obbligare quando non si fa una cosa dalla legge ordinata . . . . non basta che abbia potuto, è necessario che l'abbia dovuto . . . . I fatti positivi o negativi devono violare un dovere" (Cod. Napoleon, art. 1382-1383 §§ 296 u 297). Konsegwentement, jikkonkludi Demolombe:— "Una semplice omissione, una pura inazione, non può costituire un delitto, od un quasi delitto, quando colui al quale la s'imputa non era legalmente tenuto ad agire . . . . Legalmente si è tenuti a non nuocere agli altri, a non attentare ai loro diritti; ma legalmente non si è tenuti a venire loro in aiuto, nè a rendere loro un servigio" (Diritto Civile, Vol. XXXI, § 479);

Illi, fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament, ma jidherx li attur naqas minn xi dover lilu mpost mill-liġi; u għalhekk ebda ħtija ma tista' tiġi lilu mputata;

Illi, barra minn dan, il-konvenuti ma ddimostrawx li l-ħsara lill-kalessi kienet tista' tiġi evitata kieku l-attur uża d-diliġenza ordinarja ta' missier tajjeb tal-familja (Kollez. XXXIII-II-1); u dan minħabba, speċjalment, innatura tal-kawżi li kkaġunaw dik il-ħsara, jiġifieri l-lokal estremament umidu li fih il-kalessi ġew miżmuma, lokal magħżul u destinat mill-Gvern;

Illi, ladarba l-Gvern ħa dawk il-kalessi taħt il-kontroll tiegħu, kif jidher konfermat anki mill-ittra tal-Protection Officer tat-18 ta' Awissu 1941 (fol. 26), huwa daħal fl-obligu li jrodd il-kalessi lill-proprjetarju, u dan l-obligu, bħala "obbligazione di dare", ġieb fil-konvenuti d-dmir ukoll li jikkonservawhom sal-kunsinna (art. 1169(1) Kod. Ċiv.), u li jagħmlu dak li kien meħtieġ biex ma jħallu-homx jiddeterjoraw ruħhom. "L'obbligazione di conservare", josserva Baudry, "è un'obbligazione di fare e di non fare: di fare ciò che è necessario per impedire che la cosa perisca o si deteriori; di non fare ciò che potrebbe cagionare la sua distruzione od il suo deterioramento" (Diritto

Civile, Obbligazioni, Vol. I, § 345). U mill-provi miġjuba ma jidherx li l-konvenuti osservaw, kif messhom, dan l-obligu tagħhom;

Illi, però, il-konvenuti, biex jeħelsu minn kull responsabbiltà, fin-nota tagħhom fol. 58 issottomettew illi huma ma jistgħux jiġu miżmuma responsabbli tal-ħsara in vista tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 285 taż-17 ta' Ġunju 1940, li baqgħet in vigore sal-25 ta' Mejju 1949, u kwindi anki fl-ewwel ta' April 1948, meta l-fond, fejn qabel kienu konservati l-kalessi, ġie derekwiżizzjonat. L-atturi nomine, fin-nota responsiva tagħhom fol. 67, irrilevaw illi dik in-Notifikazzjoni hija relattiva għar-riskju, ċjoè għal dak li jiġri b'konsegwenza ta' każ fortuwitu jew "forza maggiore", u mhux għall-ħsara li hija dovuta għall-ħtija;

Illi r-regolament nru. 18 tar-Regolamenti publikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern fuq riferita jiddisponi illi "where any such order is not obeyed . . . . such officer may give orders as he thinks fit for the storage or removal of such furniture or articles; and such furniture or articles shall thereafter be solely at the risk of their owner"; liema regolament huwa applikabbli għall-każ in kwistjoni, billi l-attur ma kienx ottempera għar-rekwiżizzjoni, u għalhekk il-kalessi kienu ġew, bl-ordni tal-Protection Officer, trasportati u mqegħdin fid-De Redin Tunnel. Iżda jeħtieġ dejjem li jiġi eżaminat x'inhi l-portata tal-espressjoni "solely at the risk of the owner". Jgħid Giorgi:— "Diconsi rischi e pericoli, nell'uso del linguaggio giuridico moderno, tutti gli eventi fortuiti che deteriorano o distruggono la cosa dovuta" (Obbligazioni, Vol. IV, § 229). U aktar il-quddiem l-istess awtur josserva — "Domandare quale dei contraenti debba sopportare il rischio o il pericolo, significa voler sapere chi di loro debba supportare la deteriorazione e la perdita casuale della cosa dovuta" (op. ċit., § 230). F'dan is-sens ukoll huwa l-insenjament ta' Baudry-Lacantinerie (Obbligz. Vol. I, § 419), u ta' Francesco Casentini fil-monografija tiegħu "Rischio, Teoria Generale" (riportata fid-Digesto Italiano taħt l-istess vuċi);

Min din id-definizzjoni jidher illi jrid ikun hemm veru każ fortuwitu, u li l-ħsara tkun unikament l-effett tal-każ

fortuwitu. Hemm bżonn, fost ħwejjeġ oħra, illi l-event kostitwenti l-każ fortuwitu ma jkunx prevedibbli, u li ma jkunx determinat minn qerq (dolo) jew ħtija (culpa); u dan għaliex il-każ fortuwitu jeżiġi l-eżistenza ta' kawża estranea għal kollox għall-volontà tad-debitur, u li għalieh ma tkunx imputabbli (arg. art. 1176 Kod. Ċiv.). Għalhekk, il-konċett tal-każ fortuwitu ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem (Kollez. XXXVII-II-637; XVII-II-64); diversament, id-debitur li jkun fi ħtija jista' jirriversa l-konsegwenzi taleghmil tiegħu illeċitu fuq il-kreditur — ħaġa din li mhix permessa fil-liġi (Kollez. XXXVII-I-183);

Illi minn dan jidher illi r-riskju kontemplat fir-regolament fuq imsemmi jipprevedi veru każ fortuwitu, li ma jkunx determinat minn ebda ħtija da parti tal-Gvern rekiżizzjonanti, u kwindi ma jeskludix ir-responsabbiltà tal-Gvern fil-każ li din il-ħtija tirrikorri. Konferma ta' dan tinsab fl-art. 4 tal-Housing Act (no. II tal-1949), li ġie ntrodott "to supersede the emergency legislation regarding the requisitioning of land" (ara Objects and Reasons publikati fil-Gazzetta tal-Gvern, Supplement tal-23. 11. 1948, paġ. 3219), u li jpoġġi l-oġġetti trasportati u storjati "at the sole risk of the owner thereof"; iżda jkompli jiddisponi li ebda ndennizz ma hu dovut lis-sid għall-ħsarat jew defiċjenzi "if it is proved that such deficiency or damage was not caused by negligence on the part of the Commissioner or of persons acting on his instructions";

Illi għalhekk, l-unika kwistjoni li trid tiġi eżaminata hija jekk il-Gvern, rappreżentat mill-konvenuti, kienx fi ħtija dwar il-ħsara fil-kalessi; u meta wieħed jikkunsidra li dawn il-kalessi ġew imqegħda u miżmuma f'post umidu u espost għall-ilma tax-xita, anki torrenzjali (fol. 50), irrisposta ma tistgħax tkun ħlief affermattiva, molto più li si trattava minn oġġetti wisq delikati li kienu jirrikjedu kura mhux komuni;

Illi għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu ritenuti responsabbli tad-danni, għaliex dawn ġraw minħabba l-ħtija tagħhom;

Illi, dwar il-likwidazzjoni magħmula mill-perit, il-partijiet ma għamlu ebda kontestazzjoni, u l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jidhrilhiex li għandha tiddipartixxi minn dik il-likwidazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tar-rapport peritali;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine;

U tilqa' t-talbiet tal-atturi nomine, u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalità rispettiva tagħhom iħallsu s-somma ta' £150 għad-danni mitluba fiċ-ċitazzjoni, bl-imgħax legali mill-lum, u bl-ispejjeż.